SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**L-EWWEL LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU SITTA**

**14 ta' Diċembru, 2010**

Il-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Ġwann li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fis-6.05 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Il-Viċi *Chairperson* Peter Calleja u l-Membri Janet Barthet, Alfred Mangion u Robert Vella Bonnici.

**SKUŻAT**

Iċ-*Chairperson* Dr Frank Bartolo.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Il-Viċi *Chairperson* Peter Calleja ppresjeda.

## 6.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

6.1.1 Il-Kumitat ikkunsidra l-Minuti tal-ħames laqgħa.

6.1.2 Il-Membru Alfred Mangion ressaq din il-mozzjoni:

6.1.3 "*Il-Kumitat japprova l-Minuti tal-ħames seduta kif imressqa.*"

6.1.4 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi *Chairperson* u approvata unanimament.

6.1.5 Fir-rigward ta' minuta 5.1.12, kien hemm qbil li minħabba raġunijiet ta' sigurta, l-*Bring-In Site* fi Triq iċ-Ċiefa titla' iktar 'il fuq fl-istess parti tat-triq.

6.1.6 Fir-rigward ta' minuta 5.2.1, saret kjarifika li l-ammont mgħoddi lil Kumitat għat-tisbieħ ta' Ġnien Ġ.M. Camilleri kien ta' € 13,000, iżda mqassam fuq ċekk mogħti issa ta' € 6,500, bil-kumplament jingħataw ma' tmiem ix-xogħlijiet.

6.1.7 Fir-rigward ta' minuta 5.2.8, il-Kumitat kien infurmat li ser jinġiebu kwotazzjonijiet għat-tabelli li jsiru fil-madwar tal-*Bring-In Sites*.

## 6.2 Kommunikazzjoni miċ-*Chairperson*

6.2.1 Il-Kumitat iddiskuta fit-tul *email* mibgħuta mill-KVRAG fir-rispett ta' ħafna allegazzjonijiet li fiha, fejn kien inottat li hemm dubbju jekk dan il-grupp huwiex entita' kostitwita skont il-Liġi tal-organiżażżjonijiet mhux governattivi, li fir-rigward tas-sireni tal-ambulanzi li jgħaddu minn Triq Sliema li minbarra li mhux din hi r-rotta propja wieħed irid jifhem li dan isir skont il-ħtieġa ta' dan is-servizz daqstant importanti, li mhux vera li l-Kumitat qed jonqos b'xi mod milli jikkomunika mar-residenti fejn anke' ssemma' l-*leaflet* li tqassam riċentament dwar l-iskart, li saru diversi laqgħat maċ-*Chiswick House School* u kien inottat titjieb, li sar tibdil tal-*Bring-In Sites* fejn meħtieg u li l-Kumitat aġixxa skont il-Liġi fir-rispett ta' għoti ta' permess għal ġbid ta' *film* fil-Kappara.

6.2.2 Wara li kkunsidra dan kollu, l-Kumitat unanimament ikkundanna l-aġir tas-Sinjuri Louis Camilleri u Josephine Mifsud, bħala firmatorji tal-*email*, u qabel li ma jibgħat l-ebda komunikat bħala tweġiba u jinjora din l-istess *email*.

6.2.3 Il-Kumitat approva l-proposta mressqa sabiex issir bankina alternattiva għal kostruzzjoni ta' bini li se jsir fi Triq il-Fjamma skont il-permess tal-MEPA bin-nurmu ta' PA 364/10.

6.2.4 Fir-rigward ta' każ imressaq għal rimborz tal-ispejjeż għal danni li allegatament saru fi Triq Sliema fuq vettura, l-Kumitat qabel li l-Avukat tal-Kunsill għandu jerġa jikteb lil persuna kkonċernata li t-talba ma ġietx milqugħa.

**6.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Ħruġ ta' Offerta għal Tisbieh fi Ġnien Ġ.M. Camilleri**

6.3.1 Il-Membru Janet Barthet daħlet għal-laqgħa. (6.48pm)

6.3.2 Wara diskussjoni dwar id-dokument tal-offerta, fejn kienu rrimarkati xi tibdil żgħir fil-*Bill of Quantities* biex jiġi ċċarat id-daqs tal-pjanti, l-Kumitat unanimament approva l-ħruġ tal-offerta.

6.3.3 Il-Kumitat approva wkoll li jiġu nstallati żewġ *bins* għar-rimi tal-ħmieġ tal-klieb fl-istess ġnien kif ukoll xiri ta' tliet *dust bins* sabiex jiġu nstallati fi Triq ir-Russett, Triq il-Kokka u Triq it-Trunċiera t-Twila.

**6.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Xogħlijiet u Attivitajiet**

6.4.1 Il-Kumitat approva pjanta sottomessa sabiex jiġu nstallati *bollards* fi Triq Antonio Schembri u l-madwar, fejn dan il-proġett issa għandu jiġi stmat u jintalbu l-permessi neċessarji biex jiġi mplimentat.

6.4.2 Il-Kumitat kien infurmat li l-Membru Robert Vella Bonnici kien elett ~~"President"~~ **"Rappreżentant"** tas-Sezzjoni tal-Membri tal-Kumitati Amministrattivi fi ħdan il-Partit Laburista.

**Emendata Laqgħa nr. 7**

6.4.3 Il-Kumitat qabel li fil-laqgħa li jmiss jiddiskuti ġurnata li tiġi msejħa Jum il-Kappara, u li matulha jsir programm ta' attivitajiet sabiex dan il-jum jibda jiġi kkommemorat kull sena.

6.4.4 Il-Kumitat kien infurmat li se jsir komunikat mill-ġdid ma' *Transport Malta* sabiex jiġu mnaddfa t-turġien li minn Triq il-Kuċċard jagħtu għal Triq Birkirkara, li hi triq arterjali.

6.4.5 Il-Kumitat qabel li jrisu xogħlijiet ta' *patching* għal xi *potholes* li hemm f'diversi toroq.

6.4.6 Il-Kumitat qabel li jiġi estiż *double yellow line* li hemm preżentament fi Triq Birkirkara.

6.4.7 Il-Kumitat approva li jsiru xogħlijiet għal konka żgħira li saret fi Triq Birkirkara u ssir oħra bħala fi Ġnien Ġ.M. Camillieri.

6.4.8 Kienet diskussa wkoll il-problema li għandhom xi residenti li joqogħdu fi Triq il-Kuċċard u li huma mniżżla bħala residenti f'San Ġiljan.

6.4.9 Il-Viċi *Chairperson* għalaq il-laqgħa fis-7.15 ta' filgħaxija.

6.4.10 Laqgħa oħra tal-Kumitat kienet imsejħa għal 11 ta' Jannar, 2011.

Konfermati, illum **11 Jannar, 2011**

| | |
|---|---|
| Dr Frank Bartolo | Adrian Mifsud |
| *Chairperson* | Segretarju Eżekuttiv |